DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1447

tal-1 ta' Settembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u tkompli tikkundanna l-azzjonijiet u l-politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu tliet persuni responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BEK

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1230	Alla Viktorovna POLYAKOVA (Алла Викторовна ПОЛЯКОВА)	Data tat-twelid: 26.11.1970 Post tat-twelid: Ryazan, il-Federazzjoni Russa Nazzjonalita': Russa Sess: mara	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 'Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u għalhekk appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	1.9.2022
1231.	Anton Olegovich TKACHEV (Антон Олегович ТКАЧЁВ)	Data tat-twelid: 31.3.1994 Post tat-twelid: Voronezh, il-Federazzjoni Russa Nazzjonalita': Russu Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 'Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	1.9.2022
1232.	Valery Andreevich PONOMAREV (Валерий Андреевич ПОНОМАРЕВ)	Data tat-twelid: 17.8.1959 Post tat-twelid: Distrett Kurilsky, Reġjun Sakhalin, il-Federazzjoni Russa Nazzjonalita': Russu Sess: raġel	Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li rratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern tat-'Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'.	1.9.2022"